TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 283/10

**<u>Alfred Cassar</u>**

**<u>vs</u>**

**<u>Crosscraft</u>**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsa u sittin ewro (€65), rappreżentanti prezz ta' kittla ta' l-elettriku li wara sitt xhur din kellha l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara kittla mingħand id-ditta intimata u wara sitt xhur din il-kittla kellha l-ħsara, fis-sens illi kull meta kienet tintuża, s-switch ma bediex jaqta'.

L-intimat issottometta illi l-ħsara hija riżultat t'ammont esaġerat ta' ġebla li jagħmel ħsara fil-komponenti ta' l-elettriku.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u eżamina l-kittla wkoll, jinnota li l-kittla kienet koperta b'ammont qawwi ta' ġebla u li dan mhuwiex tort tal-manifattur minħabba l-ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888